# Tiġdid tal-anniversarju tas-Sagrament taż-Żwieġ

*(il-forma l-qasira)*

# *Tiġdid tal-wegħdiet taż-Żwieġ*

**NN. fil-jum taż-żwieġ tagħkom** intom stqarrejtu imħabbitkom lejn xulxin fil-presenza tal-ministru tal-Knisja u tal-ġemgħa nisranija. Il-Mulej bierek imħabbitkom u jkompli jagħmel dan. Hu kkonsagrakom fil-magħmudija, għanikom u saħħaħkom fis-sagrament taż-żwieġ: biex tkunu tistgħu taqdu dmirijietkom ta' miżżewġin b 'fedelta' reċiproka u dejjiema.

Il-Knisja tifirħilkom u tifraħ magħkom f'dan l-anniversarju taż-żwieġ tagħkom fil-ħajja miżżewġa. U f'dan il-jum sabiħ jien nistidinkom iġġeddu l-weġġdiet taż-żwieġ tagħkom.

***Marti .....*** **irrid inġedded il-wegħda li għamiltlek f'jum it-tieġ tagħna. Inwiegħedek li nżomm ruħi fidil lejk fir-risq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, u li nħobbok u nirrispettak tul-ħajti kollha.**

***Żewġi .....*** **irrid inġedded il-wegħda li għamiltlek f'jum it-tieġ tagħna. Inwiegħedek li nżomm ruħi fidil lejk fir-risq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, u li nħobbok u nirrispettak tul-ħajti kollha.**

***(Ir-raġel u l-mara jagħtu sinjal ta' mħabba lil xulxin)***

**NN: għadkom kemm ġedditu l-wegħdiet tagħkom taż-żwieġ fil-presenza tal-Knisja u tal-ġemgħa ta' dawk li jemmnu. Alla l-Mulej fi tjubitu jsaħħaħ l-wegħdiet tagħkom lejn xulxin u jimliekom b'kull barka.**